IL-FORTI RICASOLI U L-PALAZZ BICHI

Fl-artiklu tiegħi "Straubenzee u Malta" għidtilkom li dak il-Gvernatur kien twieled hawn Malta fl-1812, sewwa sew fil-Forti Ricasoli, li, milli jidher, fi żmien l-Ingliżi beda jservi ta' sptar

Minn Mons. Prof. A. Bonnici

Illum, ġieni l-ħsieb li nikteb xi ħaġa dwar dan il-Forti. Tridu tisimgħu? Jekk le, tikkonfondux, aqilbu l-faċċata, u aqraw, jekk tridu l-faċċata tal-mejtin, u tinsewx tgħidu xi "requiem aeternam" għal ruħhom.

Mela, fl-1669, it-Torok irnexxilhom, wara 25 sena ta' ħbit, ikeċċu l-Venezjani minn Kreta u jeħdu dik il-Gżira taħt idejhom. Ir-rebħa Torka fuq dik il-Gżira, li kienet ta' ripar kontra l-attakki misilmin fin-naħa tal-Punent tal-Mediterran, ġiebet magħha biża kbir hawn Malta u l-Granmastru Nikola Cottoner beda jaħseb biex jiffortifika aħjar il-Gżira.

Il-Belt Valletta kienet ġa b'saħħitha sewwa biex tilqa l-ħbit. Iżda l-inħawi tal-Birgu kienu ftit debboli. Għalhekk, hu ħaseb biex isaħħaħ dik in-naħa tal-Port il-Kbir. Sejjaħ lil Konti Valperga, l-inġinier tad-Duka ta' Savoja. Dan irriveda l-pjanti li kienu ġa saru qabel mill-inġinieri Floriani u Firenzuola, u, fl-1670, tqegħdet b'sollennita' kbira l-ewwel ġebla ta' linja ta' fortifikazzjonijiet, li kella tissejjaħ għal dak il-Granmastru.

Is-swar kellhom jitwasslu mill-fossijiet tal-Isla sa dawk tal-Birgu — estensjoni ta' 3 mili swar, bi 8 bastjuni kbar u 2 żgħar.

FORTIZZA FIL-BOKKA TAL-PORT

Imma dawn is-swar ma kienux għadhom biżżejjed. Kienet teħtieġ ukoll xi fortizza fil-bokka tal-Port il-Kbir, quddiem dik ta' Sant' Iermu.

Is-swar li semmejna setgħu isiru bil-kontribuzzjonijiet ta' nies proprjetarji, fosthom il-Knisja f'Malta, bis-saħħa ta' xi taxxi u bilkwota li taw il-Kavallieri. Fost dawn, il-Balliju Fra Franġisku Ricasoli offra 30,000 skud u assenja 3,000 skud kull sena għal-bini ta' fortizza fuq il-"Punta dell' Orso" fil-bokka tal-port, fejn fis-sena 1622, il-Kommendatur Orsi kien bena torri taħt l-isem ta' San Petronju.

Il-Kunsill tal-Ordni deherlu li, għal ġenerożita' ta' dak il-Kavallier, kien xieraq li dik il-fortizza tissejjaħ "Forti Ricasoli". Il-bini tagħha spiċċa fis-sena 1698, u ġew stazzjonati fiha 2,000 suldat.

F'lapida li hemm f'San Gwann naqraw li Fra Giovanni Francesco Ricasoli kien Kommendatur ta' S. Manju do Gradulo u S. Gwann di Bettone.

Il-bieb tal-Forti Ricasoli huwa sabiħ ġmielu — bieb baxx u ftit wiesa' mħaddan bejn erba' kolonni mibrumin, li jagħalqu fuq b'żewġ bombi. Fuq il-bieb hemm gallerija u tieqa bejn żewġ pilastri u speċi ta' kampnarett fin-nofs, fuq nett.

Kif ġa għidna fi żmien l-Ingliżi, dan il-Forti beda jservi wkoll ta' sptar, u, wara l-battalja ta' Navarino jew Neocastro fil-Greċja t'Isfel, laqa' fih għadd kbir ta' feruti Ngliżi li tqabdu f'dik il-battalja.

IL-BATTALJA TA' NAVARINO

Ha ngħidilkom xi ħaġa dwar din il-battalja. Fis-sena 1821, il-Griegi fetħu ġlieda għal ħelsien ta' pajjiżhom minn taħt il-ħakma tat-Torok. F'din il-ġlieda kellhom l-għajnuna ta' tliet Potenzi tal-Ewropa — l-Ingilterra, Franza u r-Russja. Fl-1827, dawn l-alleati talbu lit-Turkija biex ma tibgħatx aktar rinforzi militari fil-Greċja.

Iżda, fit-8 ta' Settembru, flotta Eġizzjana b'ħafna suldati fuqha daħlet fil-port ta' Navarino u ssuktat il-ġlieda bejn il-Greċja u t-Turkija... Fl-20 ta' Ottubru il-flotta Anglo-Franko-Russa daħlet fl-istess Port, fejn il-flotta Eġizzjana kienet ankrata imgezza. Tqabbdet ġlieda tal-artillerija millviċin bejn iż-żewġ flotot, li spiċċat bl-għarqa u bl-esplożjoni tal-biċċa l-kbira tal-flotta Eġizzjana.

Kif għidna, għadd kbir ta' feruti ta' dik il-battalja nġiebu Malta u tqegħdu għal kura fil-Forti Ricasoli, li ma nisthajjelx li kien adattat wisq għal dak il-għan.

Infatti, maż-żmien, l-Ingliżi ħassew li jibnu sptar modern mal-baħar għan-Navy. Fl-1830, l-Ammiraljat akkwista il-promontorju li hemm bejn il-Forti Ricasoli u l-Forti Sant'Anġlu, magħruf minna b'"Ta' Bighi", u bena fuqha Sptar Navali mudell.

Dak il-post insejħulu "Ta' Bighi" għaliex fuqha kien hemm mibnijin Palazz u knisja tas-San Salvatur, proprjeta' tal-Kavallier Fra Francesco Giovanni Bichi, Pirjol ta' Capua, neputi tal-Papa Alessandru VII, li kien Inkwiżitur f'Malta fissnin 1634-39, bl-isem ta' Mons. Fabio Chigi. San Gwann hemm il-lapida ta' dan il-Kavallier, li tgħid li hu aċċetta il-piżijiet tal-kariki tiegħu, iżda ċaħad l-unuri, u li miet ta' 58 sena fis-sena 1712.

GHALIEX DAQSHEKK PALAZZI?

Xi ħadd minnkom jistaqsini: "Għaliex għandna f'Malta daqshekk Palazzi ta' Kavallieri?" Għandkom tkunu tafu li, meta Kavallier tal-Ordni kien jilħaq Kommendatur, kien jitlef kull jedd li jgħix fil-berġa tal-Lingwa jew Nazzjon tiegħu, u kien ikollu jibni Palazz għalih fil-Belt Valletta jew barra minnha. Infatti għadhom jeżistu sal-lum Palazzi tal-Kommendaturi tal-Ordni fil-Belt — Palazzo Carafa, Palazzo de la Salle, Palazzo Verdelin, Palazzo Parisio — u barra il-Belt Palazzo Spinola.

Palazz Bichi ta l-post għall-Isptar li beda jissejjaħ "Bighi Hospital," jew "Sptar ta' Bighi." Jingħad li, waqt li kienu jħaffru għall-pedamenti ta' dan l-isptar, instabu xi kolonni (stele) Eġizjani qodma, li, minħabba il-prezzjosita' tagħhom, l-Ingliżi malajr ġarrewhom fil-British Museum.

Niftakar meta fis-sajf konna mmorru ngħumu firramla ta' Rinella, aħna u għaddejjin bid-dgħajsa, kont inħares lejn il-blokki tal-bini ta' l-Isptar Bighi ta' stil klassiku, u kienu jgħoġbuni għax jiksru l-monotonija tas-swar. Dak iż-żmien kont nappreżza aktar il-bini; illum nappreżza aktar isswar.

Wara li serva mal-140 sena bħala Sptar Navali Ingliż, u min jaf kemm baħrin u fizzjali tan-Navy morda jew feruti ġew ikkurati fih, speċjalment matul iż-żewġ gwerer dinjin tal-1914 u 1939, dak il-bini waqa' f'idejn il-Gvern Malti li issa ser jibda jużah bħala skola.